**445. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, jipproponi:**

Illi l-Kamra tad-Deputati

Wara li kkunsidrat li meta tirratifika l-Ftehim Qafas tal-Alleanza Internazzjonali għall-Enerġija Solari, tkun qiegħda tingħaqad ma' mija u tmintax stat membru li jinkludu bosta (9) pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea u li jixtiequ jikkoperaw sabiex jagħmlu l-aħjar użu mill-enerġija solari bħala riżors naturali u sors ta' enerġija nadifa, rinnovabbli u sostenibbli għal pajjiżhom.

Wara li kkunsidrat is-subartikoli (l)(c) u (2)(b) tal-artikolu 3 tal-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati (Kap. 304);

Tirrisolvi li tawtorizza lill-Gvern biex jirratifika l-Ftehim Qafas tal-Alleanza Internazzjonali għall-Enerġija Solari.

**04.02.2026**